**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 387/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**vs**
**Joseph Saliba**

**Illum 27 ta' Lulju 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Joseph Saliba ta' 25 sena iben Philip u Marisa (Maroa Theresa) nee' Grixti, imwieled Pieta' nhar it-2 ta' Dicembru 1996, u li joqghod numru 45, Triq Nerik Sacco, Marsa detentur tal-karta ta' l-identita' numru 503896(M)

Akkuzat talli:

Nhar it-13 ta' Mejju 2022, ghall-habta tas-2.30am u/jew fil-jiem ta' qabel, mill-fond numru 4, Triq Hal-Manin, Qrendi;

1. Bil-hsieb li jahgmel delitt ta' serq wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u kieku sehhet kienet tkun serqa aggravate bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin

centezmu (€2329.37) bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta' John Cutajar u/jew ta' xi persuna/I ohra u/jew ta' xi enteita' jew entitajiet ohra;

2. B'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmija fis-sub titolu IV tat-titolu IX tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli cioe' f'bieb ta' mahzeb, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin Ewro (€250) ghad-dannu ta' John Cutajar u/jew ta' xi persuna/I ohra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet ohra;

Nhar l-20 ta' Gunju 2022 ghall-habta ta' l-10:30am mill-fond numru 17, Triq l-Iskola u/jew fond kontigwu numru 1I, Andrea, Triq iz-Zurrieq, Safi:

3. Bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volota' tieghu, u kieku sehhet, kienet tkun serqa aggravata bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-lok ghad-dannu ta' John Zammit u/jew ta' xi persuna/i ohra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet ohra;

4. Irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magt Dr. F. Depasquale LL.D.) nhar is-26 ta' Settemrbu 2017.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Mercieca qara u ikkonferma bil-gurament l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2022;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tat-twelid ta' l-imputat immarkat bhala Dok JM, Fedina Penali ta' l-imputat immarkata bhala Dok JM1, stqarrija awdjovizwali datata 21 ta' Gunju 2022 bhala Dok JM2 u stqarrija awdjovizwali datata 21 ta' Gunju 2022 bhala Dok JM3;

Rat li fis-seduta datata 27 ta' Lulju 2022 l-imputat kif debitament assistit irreġistra ammissjoni u wara li l-Qorti ordnat lill-imputat biex jikkonsulta ma' l-avukat tieghu fuq l-istess ammissjoni u wara tatu żmien biżżejjed biex jikkunsidra l-ammissjoni tieghu u spjegat il-portata ta' l-ammissjoni tieghu, huwa ikkonferma il-ħtija tieghu;

**Ikkunsidrat:**

Għal dak li jirrigwarda l-piena li għandha tiġi inflitta fiċ-ċirkostanzi l-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni l-ammissjoni ċara inekwivoka li saret fi stadju ferm bikri ta' dawn il-proċeduri u l-fatt li ma kelliex għalfejn taħli iżjed żmien u seduti għall-ġbir tal-provi. Il-Qorti qeghda tiehu wkoll in konsiderazzjoni l-fedna penali ta' l-imputat fejn ghandu offiza li tirrisali ghas-sena 2017, ghalhekk il-Qorti f'dan l-istadju ma tarax li piena ta' prigunerija effettiva tkun idoneja fic-cirkostanzi.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261, 262(b), 263(a), 264(1), 265, 267, 269(a), 270, 278(2), 279(b), 280(2), 281(b), 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni cara u inekwivoka ssib lill-imputat Joseph Saliba hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel l-ebda reat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti tordna li kopja skenjata ta' dawn l-atti u ta' din is-sentenza għandhom jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali ai termini tal-Liġi skond l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Reġistratur**